DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1519

tad-9 ta' Ottubru 2018

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/150/UE dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jistipula ċerti derogi għall-kummerċjalizzazzjoni ta' popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-pjanti qamħ, xgħir, ħafur u qamħirrum skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE

(notifikata bid-dokument C(2018) 5470)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 13a tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/150/UE ([2]) tistabbilixxi l-organizzazzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2018, ta' esperiment temporanju li fih jista' jieħu sehem kwalunkwe Stat Membru, bl-għan li jiġi vvalutat jekk il-produzzjoni, bil-ħsieb tal-kummerċjalizzazzjoni, u l-kummerċjalizzazzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, ta' żerriegħa minn popolazzjonijiet fit-tifsira tal-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni, u li tappartieni għall-ispeċijiet *Avena* spp., *Hordeum* spp., *Triticum* spp. u *Zea mays* L., jistgħux jikkostitwixxu alternattiva mtejba għall-esklużjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa li ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2(1)(E), (F) u (G) tad-Direttiva 66/402/KEE dwar aspetti varjetali taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet, u mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1) tal-istess Direttiva dwar il-kummerċjalizzazzjoni b'ċertifikazzjoni uffiċjali bħala "żerriegħa ċċertifikata", "żerriegħa ċċertifikata, l-ewwel ġenerazzjoni" jew "żerriegħa ċċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni".

(2) Il-valutazzjoni għadha ma tlestietx, billi f'għadd ta' aspetti tal-esperiment, jeħtieġ li tingħabar iktar informazzjoni tul perjodu itwal. Għalhekk jeħtieġ li jiġi estiż it-tul taż-żmien tal-esperiment temporanju.

(3) S'issa sitt Stati Membri ħadu sehem f'dak l-esperiment temporanju. Fid-dawl tal-estensjoni tat-tul ta' żmien ta' dak l-esperiment, jixraq li Stati Membri ġodda jkunu permessi jibdew jieħdu sehem, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/150/UE hija emendata kif ġej:

(a) fl-Artikolu 3(1), il-kliem "Jannar 2017" huwa ssostitwit bil-kliem "il-31 ta' Diċembru 2019";

(b) fl-Artikolu 19, il-kliem "il-31 ta' Diċembru 2018" huwa ssostitwit bil-kliem "it-28 ta' Frar 2021".

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/150/UE tat-18 ta' Marzu 2014 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju li jistipula ċerti derogi għall-kummerċjalizzazzjoni ta' popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-pjanti qamħ, xgħir, ħafur u qamħirrum skont id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 29).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni